C/2024/7197

29.11.2024

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni ppubblikata skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-Każ AT. 40728 – Corning

(C/2024/7197)

1. Introduzzjoni

(1) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat ([1]), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi – f'dawk il-każijiet fejn ikollha l-intenzjoni li tadotta deċiżjoni li tobbliga li ksur jinġieb fi tmiemu u l-partijiet ikkonċernati joffru li jidħlu għal irbit li jkun jissodisfa t-tħassib indikat lilhom mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni preliminari tagħha – li dak l-irbit isir vinkolanti fuq l-impriżi. Deċiżjoni bħal din tista tiġi adottata għal perjodu speċifiku u għandha tikkonkludi li ma hemmx aktar raġuni għall-azzjoni mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 27(4) tal-istess Regolament, il-Kummissjoni għandha tippubblika sommarju konċiż tal-każ u l-kontenut prinċipali tal-impenji. Il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw il-kummenti tagħhom sal-limitu taż-żmien stabbilit mill-Kummissjoni.

2. Sommarju tal-Każ

(2) Fis-6 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni bdiet proċedimenti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 kontra Corning Incorporated ("Corning") u adottat valutazzjoni preliminari skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 ("valutazzjoni preliminari") dwar allegat ksur tal-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). L-allegat ksur jikkonċerna ħġieġ alkali-aluminosilikat ("Ħġieġ Alkali-AS"), li huwa tip ta' ħġieġ durabbli (reżistenti għall-qtugħ) użat prinċipalment bħala għatja tal-ħġieġ għal apparati elettroniċi li jinżammu fl-idejn bħal mowbajls, tablets, u smart watches. Il-Ħġieġ Alkali-AS għandu żewġ sottotipi kummerċjalment rilevanti, ħġieġ tal-aluminosilikat tal-litju ("Ħġieġ LAS") u ħġieġ tal-aluminosilikat tas-sodju ("Ħġieġ NAS") ([2]).

(3) Skont il-valutazzjoni preliminari, Corning hija dominanti fis-suq dinji tal-provvista tal-Ħġieġ Alkali-AS bl-esklużjoni tal-prodotti tal-Ħġieġ Alkali-AS użati minn Apple Inc. ("Apple") kif ukoll fis-suq dinji potenzjali tal-provvista tal-Ħġieġ tal-LAS bl-esklużjoni tal-prodotti tal-Ħġieġ tal-LAS użati minn Apple. Il-valutazzjoni preliminari tistabbilixxi t-tħassib li Corning setgħet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha billi involviet ruħha f'negozjar esklużiv fil-konfront tal-manifatturi tat-tagħmir oriġinali ("OEMs") ([3]), speċjalment OEMs ta' apparati li jinżammu fl-idejn, u finishers ([4]), u b'hekk teskludi mis-suq il-manifatturi tal-ħġieġ kompetituri. L-evidenza fil-fajl tal-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-imġiba ta' Corning ilha għaddejja mill-inqas mill-2016.

(4) Il-prattiki kummerċjali esklużivi ta' Corning mal-OEMs jinkludu: (i) obbligi esklużivi ta' akkwist, fejn l-OEMs iridu jiksbu minn Corning sehem għoli mid-domanda tagħhom għal Ħġieġ tal-Alkali-AS jew Ħġieġ tal-LAS, (ii) ribassi bil-kundizzjoni ta' konformità mal-obbligi esklużivi ta' akkwist; u (iii) klawżoli bl-Ingliż, li jobbligaw lill-OEMs jirrapportaw lil Corning offerti kompetittivi minn manifatturi tal-ħġieġ kompetituri u jippermettu lill-OEMs jaċċettaw tali offerti biss jekk Corning ma tqabbilx il-prezz.

([1]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1. B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 101 u 102, rispettivament, tat-TFUE. Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma identiċi fis-sustanza. Għall-finijiet ta' dan l-avviż, ir-referenzi għall-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE fejn xieraq.

([2]) In-"N" f'NAS tirreferi għal Natrium, l-isem Latin tas-sodju.

([3]) Manifatturi li jipproduċu u jbigħu taħt il-marki tagħhom stess prodotti finali li jinkorporaw Ħġieġ Alkali-AS u ċeramika trasparenti tal-ħġieġ ċar; iċ-ċeramika tal-ħġieġ hija materjal taċ-ċeramika ffurmat permezz tan-nukleazzjoni kkontrollata u l-kristallizzazzjoni tal-ħġieġ ("Ċeramika tal-Ħġieġ Ċara").

([4]) Impriżi li jipproċessaw ħġieġ mhux ipproċessat fornut mill-manifatturi tal-ħġieġ. L-ipproċessar jinkludi, fost l-oħrajn, it-tisħiħ kimiku tal-ħġieġ mhux maħdum, l-illustrar, it-tħin, l-inċiżjoni, it-tgħawwiġ tat-truf eċċ.

(5) Il-prattiki kummerċjali esklużivi ta' Corning mal-finaturi jinkludu obbligi ta' xiri esklużiv, li jipprevedu li l-finaturi jridu jixtru l-Ħġieġ Alkali-AS jew il-Ħġieġ LAS kollu tagħhom, jew kważi kollu u li jikkonforma ma' ċerti parametri minn Corning (dawn il-parametri jiġu definiti b'mod li jkopru l-biċċa l-kbira tal-prodotti tal-Ħġieġ LAS fis-suq).

3. **Kontenut Prinċipali tal-Impenji Offruti**

(6) Corning ma taqbilx mal-Valutazzjoni Preliminari tal-Kummissjoni. Madankollu, Corning offriet li tieħu impenji skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, biex tittratta t-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni.

(7) Dawn l-impenji huma spjegati fil-qosor hawn taħt u ppubblikati bl-Ingliż fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni fuq:

https://ec.europa.eu/competition-policy/index_en

(8) L-impenji japplikaw għal għatjiet ta' apparati elettroniċi li jinżammu fl-idejn u laptops attivati bil-mess magħmula minn Ħġieġ Alkali-AS (inklużi kemm Ħġieġ LAS kif ukoll Ħġieġ NAS) u Ċeramika tal-Ħġieġ Ċara, inklużi għatjiet tal-ħġieġ li jistgħu jintwew għal apparati li jintwew. Fil-kuntratti attwali mal-OEMs u mal-finaturi, Corning timpenja li tirrinunzja l-arranġamenti eżklussivi kollha msemmija fil-paragrafi (4) u (5) hawn fuq. F'kuntratti futuri, Corning timpenja ruħha li ma tużax tali klawżoli jew klawżoli simili li għandhom l-istess effett. Minbarra dan, japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) Ftehimiet mal-OEMs: Fir-rigward tad-domanda tal-OEMs miż-ŻEE, Corning timpenja ruħha li ma tuża l-ebda rekwiżit ta' xiri (jiġifieri 0 %) jew vantaġġi tal-prezzijiet (pereż. ribassi, skontijiet) bil-kundizzjoni tal-konformità ma' tali rekwiżiti. Għad-domanda tal-OEMs mhux miż-ŻEE, Corning ma tistax:

— tirrikjedi li OEM jikseb, jew tagħti vantaġġi fuq il-prezz bil-kundizzjoni ta' akkwist ta' aktar minn 50 % tad-domanda kkombinata tiegħu għall-għatjiet tal-Ħġieġ NAS, Ħġieġ LAS u Ċeramika tal-Ħġieġ Ċara minn Corning (limitu massimu kumplessiv);

— tirrikjedi li OEM jikseb, jew tagħti vantaġġi fuq il-prezz bil-kundizzjoni ta' akkwist ta' aktar minn 50 % tad-domanda tiegħu għall-Ħġieġ LAS, minn Corning (limitu massimu għall-Ħġieġ LAS); u

— tirrikjedi li OEM jikseb, jew tagħti vantaġġi fuq il-prezz bil-kundizzjoni ta' akkwist ta' aktar minn 50 % tad-domanda tiegħu għall-Ċeramika tal-Ħġieġ Ċara minn Corning (limitu għall-Ċeramika tal-Ħġieġ Ċara).

(b) Ftehimiet mal-finaturi: Corning ma tistax tirrikjedi finatur jakkwista jew tagħtih vantaġġi fuq il-prezz bil-kundizzjoni li jakkwista aktar minn 50 % tad-domanda kkombinata tiegħu ta' Ħġieġ NAS, Ħġieġ LAS u Ċeramika tal-Ħġieġ Ċara minn Corning (limitu massimu kumplessiv). Fi ħdan il-limitu massimu kumplessiv, il-finatur jista' jiddetermina liberament il-kwantità ta' materjali ta' għatjiet differenti li jixtieq jixtri mingħand Corning biex jikkonforma mal-limitu massimu kumplessiv.

(9) Barra minn hekk, fir-rigward tal-infurzar tal-privattivi tagħha, Corning timpenja ruħha li tħarrek (jew fil-qorti jew permezz ta' arbitraġġ) għal ksur ta' privattiva, iżda mhux għal ksur ta' kuntratt. Corning timpenja ruħha wkoll li ma tuża l-ebda mekkaniżmu skont il-liġi kuntrattwali (penali kuntrattwali, terminazzjoni bikrija, danni kuntrattwali eċċ.) għall-infurzar tal-privattivi tagħha. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jipprevjenu lil Corning milli tevita s-sistema tal-infurzar tal-privattivi u tinforza l-privattivi tagħha permezz ta' restrizzjonijiet kuntrattwali.

(10) Sabiex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-suq madwar id-dinja jkunu infurmati kif xieraq, Corning impenjat ruħha li tibgħat komunikazzjoni tas-suq lill-partijiet ikkonċernati ewlenin (flimkien mat-test tal-impenji), li tispjega t-tħassib tal-Kummissjoni u tiġbor fil-qosor l-impenji f'lingwaġġ sempliċi. Corning impenjat ruħha li tittraduċi l-komunikazzjoni tas-suq u t-test tal-impenji biċ-Ċiniż Mandarin u li tibgħat kemm il-verżjoni bl-Ingliż kif ukoll dik biċ-Ċiniż Mandarin lill-partijiet ikkonċernati Ċiniżi.

(11) L-Impenji se jkunu applikabbli fid-dinja kollha u se jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' disa' snin mid-data li fiha Corning tirċievi notifika formali tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003. Corning timpenja ruħha li taħtar Fiduċjarju tal-Monitoraġġ indipendenti li jivverifika l-konformità mal-impenji u jirrapporta lill-Kummissjoni.

4. **Stedina għall-Kummenti**

(12) Wara li jsir l-ittestjar tas-suq, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 li fiha tiddikjara bħala vinkolanti l-impenji mniżżla fil-qosor hawn fuq u ppubblikati fuq l-Internet, fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni.

(13) Skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-impenji proposti. Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard mit-13 ta' Jannar 2025. Terzi persuni interessati huma wkoll mistiedna jippreżentaw verżjoni mhux kunfidenzjali tal-kummenti tagħhom, li minnha jenħtieġ li titħassar kull informazzjoni li jiddikjaraw bħala sigriet kummerċjali u kunfidenzjali u li tiġi ssostitwita kif xieraq b'sommarju mhux kunfidenzjali jew bil-kliem "sigrieti kummerċjali" jew "kunfidenzjali".

(14) Ir-risposti u l-kummenti preferibbilment għandhom ikunu motivati u jenħtieġ li jippreżentaw il-fatti rilevanti. Jekk inti tidentifika problema fi kwalunkwe parti tal-impenji proposti, il-Kummissjoni tistiednek ukoll biex tissuġġerixxi soluzzjoni possibbli.

(15) L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bin-numru ta' referenza **AT.40728 - Corning**, bil-posta elettronika (COMP-GREFFE-ANTITRUST@ec.europa.eu u COMP-E2-MAIL@ec.europa.eu) jew bil-posta f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Antitrust Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË